

Sistemi ta' taħriġ għall-avukati fl-UE

Il-Pajjiżi l-Baxxi

Informazzjoni mogħtija minn: Il-Kamra tal-Avukati tal-Pajjiżi l-Baxxi (Nederlandse Orde van Advocaten)

DESKRIZZJONI TAS-SISTEMA NAZZJONALI TA' TAħRIĠ GħALL-AVUKATI fil-Pajjiżi l-Baxxi

1. Aċċess għall-professjoni

L-educazzjoni għolja / l-educazzjoni universitarja	IVA	
Lawrja fil-liġi hija obbligatorja	IVA	
L-istadji biex persuna tilħaq avukat:	- Eżami (organizzat mill-Kamra tal-Avukati tal-Pajjiżi l-Baxxi — Nederlandse Orde van Advocaten) hemm tipi differenti ta' eżamijiet, bħall-eżamijiet teoretiċi b'mistoqsijiet magħluqa, testijiet dwar il-każ u assenjazzjonijiet ta' Prattika. - Tlestija ta' perjodu ta' induzzjoni	
Toroq alternattivi għall-professjoni:	Le, il-perjodu ta' induzzjoni huwa obbligatorju għall-kandidati kollha	

2. Taħriġ matul il-perjodu ta' induzzjoni

Hemm perjodu ta' induzzjoni?	IVA	Bażi legali: wet-en regelgeving/ Opleiding en stagiaire aangelegenheden
Obbligatorju	IVA	It-tul stabbilit:

		Tliet snin
Tipi ta' strutturi responsabbli mill-organizzazzjoni tat-taħriġ inizjali	• L-uffiċċji legali u d-ditti legali • Fornituri ta' taħriġ privat akkreditati mill-Kamra tal-Avukati • Akkademji tal-avukati u strutturi ta' taħriġ stabbiliti mill-Kamra tal-Avukati L-istrutturi kollha li jipprovdu attivitajiet ta' taħriġ inizjali jridu jkunu akkreditati mill-Kamra tal-Avukati.	
Il-forma tat-taħriġ inizjali	• Apprendistat supervizzat minn uffiċċju legali u • Taħriġ fil-liġi b'kurrikulu speċifiku komuni għall-avukati apprendisti kollha u • Taħriġ fil-liġi b'kurrikulu personalizzat u • Taħriġ dwar ħiliet professjonali mhux legali u • Taħriġ dwar ħiliet professjonali legali	
Eżami tad-dħul / il-kontroll ta' qabel il-perjodu ta' induzzjoni	IVA • Il-kontroll / il-verifika ta' diploma • Intervista • Kontroll biex jiġi vverifikat li l-kandidati għandhom kuntratt ta' 39 xahar ma' ditta legali	
Il-kurrikulu stabbilit matul il-perjodu ta' induzzjoni	Taħriġ fil-liġi b'kurrikulu speċifiku li jkun komuni għall-avukati apprendisti kollha It-temi prinċipali: Il-liġi ċivili, il-liġi amministattiva, il-liġi kriminali, l-ADR (is-Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwim), l-etika professjonali, il-korsijiet varji fakultattivi.	
L-ispeċifiċitajiet marbutin mal-liġi tal-UE u mat-taħriġ lingwistiku:	LE	Ma hemmx sessjonijiet dwar il-liġi tal-UE matul il-perjodu ta' induzzjoni.
Il-perjodu ta' induzzjoni maqsum fi stadji differenti	IVA Perjodi differenti biex jiġu koperti aspetti varji tal-professjoni tal-avukat: • il-ġestjoni • il-liġi • il-ħiliet ta' avukat	

	Suġġetti: -L-ewwel sena: Il-liġi ċivili, il-liġi amministrattiva, il-liġi kriminali, l-ADR (is-Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwim), l-etika professjonali -It-tieni sena: l-attitudni professjonali, l-informazzjoni u l-għbir tal-provi, korsijiet fakultattivi maġġuri fil-liġi ċivili, amministrattiva u kriminali, l-analiżi tal-kontijiet annwali -It-tielet sena: l-attitudni professjonali, l-etika professjonali, il-ħiliet, korsijiet fakultattivi maġġuri u minuri fil-liġi ċivili, amministrattiva u kriminali	
Il-valutazzjoni tal-perjodu ta' wara l-induzzjoni / l-eżami	IVA	• Permezz ta' rapporti mingħand it-tuturi • Permezz ta' eżamijiet bil-miktub • Permezz ta' eżamijiet orali
<i>3. Sistema ta' taħriġ kontinwu</i>		
Distinzjoni bejn taħriġ kontinwu / taħriġ ta' speċjalizzazzjoni	LE	L-ispeċjalizzazzjoni mhix stipulata fil-liġi tal-Istat jew fir-regolamenti interni
Obbligi dwar it-taħriġ kontinwu	IVA	L-obbligi tat-taħriġ obligatorju kif stipulati fir-regolamenti interni tal-Kamra tal-Avukati Bażi legali: wet-en regelgeving/Verordening op de vakbekwaamheid (l-artikolu 3) u wet-en regelgeving/Regeling op de vakbekwaamheid (l-artikoli 2 u 4). https://www.advocatenorde.nl/advocaten/juridische-databank/wetenregelgeving/list/hoofdstuk.
L-obbligi marbutin mat-tagħlim ta' lingwi barranin	L-ebda obbligu	
Obbligi li jirrigwardaw il-kontenut tal-liġi tal-UE fir-rigward tat-taħriġ kontinwu / ta' speċjalizzazzjoni?	L-ebda obbligu	

4. Sistemi ta' akkreditazzjoni u fornituri ta' taħriġ

Il-possibbiltà ta' akkreditazzjoni	IVA Madankollu, l-akkreditazzjoni tista' tinkiseb biss wara perjodu ta' induzzjoni Bażi legali: <u>Regeling op de vakbekwaamheid</u> (l-Artikolu 6).	
Għadd ta' fornituri tat-taħriġ joffru attivitajiet ta' taħriġ kontinwu	Iktar minn 50	
It-tip ta' fornituri tat-taħriġ li jiżviluppaw attivitajiet akkreditati ta' taħriġ kontinwu	• Il-Kamra tal-Avukati • Organizzazzjoni mmexxija jew stabbilita mill-Kamra tal-Avukati • Fornitur tat-taħriġ kummerċjali privat mhux akkreditat • Fornitur tat-taħriġ kummerċjali privat jew pubbliku mhux akkreditat, mingħajr skop ta' qligħ	
L-attivitajiet u l-metodi		
Tip ta' attivitajiet ta' taħriġ aċċettati taħt l-obbligi ta' taħriġ kontinwu jew ta' speċjalizzazzjoni	• L-attendenza fiżika ta' sessjonijiet ta' taħriġ • It-tlestija ta' sessjonijiet ta' taħriġ mill-bogħod • It-tlestija ta' moduli ta' tagħlim elettroniku • Is-segwiment ta' webinar • It-tlestija ta' attivitajiet ta' tagħlim imħallat • L-attendenza għal konferenzi ta' taħriġ • Il-parteeċipazzjoni f'attivitajiet ta'	Il-parteeċipazzjoni f'attivitajiet ta' taħriġ fi Stati Membri oħra: Iva , il-parteeċipazzjoni f'attivitajiet ta' taħriġ fi Stat Membru ieħor tista' tgħodd bħala obbligu ta' taħriġ kontinwu. L-avukati jistgħu jiksibu krediti billi jsegwu korsijiet fi Stati Membri oħra tal-UE. Bażi legali: <u>Regeling op de vakbekwaamheid</u> (l-Artikolu 4 (5)).

	taħriġ bħala ħarrieġ jew għalliem	
	Il-Kitba / Il-Pubblikazzjoni	
5. Is-superviżjoni tal-attivitajiet ta' taħriġ		
L-organizzazzjonijiet involuti fis-superviżjoni ta' attivitajiet ta' taħriġ kontinwu	Il-Kamra tal-Avukati	
Il-proċess ta' superviżjoni	Il-valutazzjoni ta': - Il-kwalità tal-kontenut - Il-kwalità tal-metodi ta' taħriġ - Kif ir-rekwiżiti bil-miktub tal-Kamra tal-Avukati jiġu ssodisfati	
6. Riforma nazzjonali tas-sistema ta' taħriġ		
It-taħriġ matul il-perjodu ta' induzzjoni jinsab taħt riforma.		
Ir-riforma fis-sistema bdiet f'Settembru 2013.		
Il-bidliet prinċipali huma: it-tul, hemm l-obbligu li tagħmel ix-xogħol għad-dar, hemm ħafna aktar studju privat, hemm ambjent ta' tagħlim diġitali, it-taħriġ fil-liġi huwa esternalizzat (issupervizzat mill-Kamra tal-Avukati tal-Pajjiżi l-Baxxi).		

Sors: **Proġett pilota — Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew "Ġabra 2 – Studju dwar is-sitwazzjoni attwali tat-taħriġ fil-liġi tal-UE"**, imwettaq mill-Kunsill tal-Kmamar Ewropej tal-Avukati (CCBE) u mill-Istitut Ewropew tal-Amministrazzjoni Pubblika (EIPA)